# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI

## MAGISTRAT:
**DR ANTONIO MICALLEF TRIGONA LL.D. MAG. JUR (EU LAW)**

**Seduta ta’ nhar il-Hamis 10 ta’ Mejju 2001**

Avviz numru 52/98

Thomas Hili

-vs-

Anthony Camilleri

Il-Qorti;

Rat l-avviz tas-7 ta’ Mejju 1998 li jaqra li prevja okkorrendo id-dikjarazzjoni illi l-konvenut hu unikament responsabbli ghall-incident stradali illi gara fil-25 ta’ Awissu 1997 ghall-habta tas-1.10am fi Triq it-Tigrija, kantuniera ma’ Triq Marsalforn, Xaghra bejn il-vettura JAU 265 misjuqa mill-attur u dik JAD 827 misjuqa mill-konvenut minhabba sewqan traskurat u negligenti da parti tieghu u minhabba li naqas josserva r-regolamenti tat-traffiku u previa okkorrendo l-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-istess attur per konsegwenza ta' l-istess incident, jigi kkundannat sabiex ihallas lill-attur dawn id-danni kif hekk likwidati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja tas-16 ta’ Marzu 1998 u ta’ l-ittra ufficjali tas-7 ta’ April 1998 kontra l-konvenut u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.

Ghall-finijiet tal-kompetenza jigi dikjarat illi l-valur tad-danni reklamati ma jaccedix l-elf liri Maltin (Lm1,000).

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut Anthony Camilleri li eccepixxa:

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt billi l-incident imsemmi fl-avviz gara unikament konsegwenza ta’ sewqan ittraskurat u

minhabba  nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-attur.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Ezaminat il-provi u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi s-segwenti huma l-fatti li din il-Qorti rriskontrat f'din il-kollizzjoni:

- l-attur kien qed isuq il-vettura numru ta' registrazzjoni JAU 265 minn Triq Marsalforn ghal gewwa Triq it-Tigrija fid-direzzjoni tac-centru tax-Xaghra.

- Il-konvenut kien qed isuq il-vettura JAD-827 fi Triq it-Tigrija, isuq fid-direzzjoni opposta ghall-attur.

- Il-habta grat xi ftit metri hekk kif l-attur dahal f'Triq it-Tigrija, xi metri boghod mill-konguntura taz-zewg toroq, kif indikat fis-survey sheet markat dok MG.

- L-attur jghid li huwa naqqas il-velocita' kif dahal fi Triq it-Tigrija u stante li ma ra hadd gej baqa' isuq bil-mod.  Jiddeskrivi l-incident b'dan il-mod: "f'daqqa wahda jitfacca l-konvenut mill-faccata biex jidhol go Triq it-Tigrija.  Dana  baqa' ghaddej ghad-dritt, zamm brake qawwi, l-karozza baqghet tiskidja u giet ghal fuqi u laqtitni fil-ponta ta' quddiem tax-xellug".  Hsarat kellu disa' mija u sebgha u tletin ira Maltin u hamsin centezmu (Lm937.50) (mhux kontestati) u li effettwaw kwazi t-tul kollu ta' quddiem tal-vettura tieghu.

- Il-konvenut jghid li kien gej mill-hanut "Il Paradiso" gewwa x-Xlendi u l-velocita' tieghu kienet bejn 40/50 kilometri fis-siegha.  Jistqarr li t–triq li kien ghaddej fiha, cioe' Triq it-Tigrija, kienet ghan-nizla u hu kien qieghed fuq gear newtrali,  ossia  "free".

Mill-iskizz ta' l-incident jirrizulta li l-konvenut halla "brake marks" ta' 15.5 metri waqt li l-attur ma kellu ebda "brake marks", fatt liverament jindika, kif xehed, li hu kien qieghed isuq b'velocita' minima.

Illi fid-dawl ta' dawn il-fatti din il-Qorti m'ghandhiex esitazzjoni li takkolla t-tort ta' l-incident fuq l-konvenut.  Kien hu, fil-fehma ta' din il-Qorti, li kkawza l-kollizzjoni principalment minhabba sewqan tarskurat u negligenti kif evidenti mill-velocita' tieghu abinat mal-fatt li  kien fuq gear newtrali.  Il-Qorti ftit li xejn tara rilevanza tal-liwja li kellu jimmanvra l-attur qabel ma

qabad Triq it-Tigrija u dan ghaliex hu ha l-prekawzjonijiet kollha li kellu jiehu fic-cirkostanzi.

Ghal dawn il-motivi u fil-waqt li tiddikjara l-konvenut unikament responsabbli ghal-kollizzjoni, tilqa' t-talbiet ta' l-attur u tikkundanna lill-konvenut ihalsu d-danni fl-ammont ta' disa' mija u sebgha u tletin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm937.50) bl-ispejjez kontra tieghu.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur